MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 285/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Maria Carmela Hannaford**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Lulju, 2008, naqset milli taghti l-access tat-tifel taghha Dean Hannaford lil zewgha John Charles Hannaford minghajr raguni xierqa w b'hekk kisret citazzjoni numru 2.08JA datata 23 t'April, 2008 mahruga mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-16 t'Ottubru, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka fejn sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront taghha, kif ukoll fejn ikkundannatha ghal piena ta' gimgha detenzjoni, w minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji kollha tal-appellanti li jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, billi qieset ippruvati skond il-Ligi l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-appellanti, meta invece l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sodisfacentement l-elementi kollha tar-reat. Effettivament, jirrizulta li kien hemm kunflitt fl-istess provi prodotti, w dan in vista tal-fatt kif effettivament graw dakinhar tad-dati ta' l-imputazzjoni. Inoltre, irrizulta mill-provi li gew prodotti li effettivament John Charles Hannaford mar fit-12 ta' Lulju, 2008, u mhux fil-11 ta' Lulju, 2008, u ghalhekk l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-appellanti ma tistax tirrizulta.
Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'riferenza ghall-piena nflitta l-appellanti tirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda certament esagerata stante n-nuqqas ta' provi li rrizultaw ghal akkuza kif dedotta fil-konfront ta' l-appellanti. F'dan ir-rigward, minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellanti taghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Stephen Spiteri [App. Krim. 22.09.93], il-kuncett ta' "crime does not pay" m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum. Illum il-gurnata l-iskop ta' piena mhux biss dak ta deterrent jew retribuzzjoni, izda ta riabilitazzjoni, w l-appellanti umilment tirrileva li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ma hax in konsiderazzjoni

dan il-principju. L-appellanti umilment tirrileva li l-piena nflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva w harxa, tenut kont ta’ l-akkuzi prodotti fil-konfront ta’ l-appellanti, w partikolarment tenut kont tal-provi li gew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti tal-24 ta' Novembru, 2008, fejn talbet li jigu mharrka tlitt xhieda godda ghas-seduta tal-lum.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-25 ta' Novembru, 2008, li biha oppona t-talba ghar-ragunijiet hemm indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih, in vista tal-oppozizzjoni ben fondata tal-Avukat Generali, cahdet din it-talba.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fis-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat

Illi John Charles Hannaford fis-seduta tal-lum xehed li mid-data tas-sentenza appellata sal-lum ma regghux irrepetew ruhhom incidenti dwar l-access ghat-tifel minuri w li hu kien qed jara t-tifel regolarment kif ordnat il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Iddikjara wkoll illi, anki fl-interess tal-istess minuri, hu ma kienx qed jinsisti li l-appellanti tintbaghat il-habs ghaliex dan ser ikollu effett nocif fuq it-tifel tieghu stess.

Semghet ukoll bil-gurament lill-appellanti timpenja ruhha li ghall-futur tosserva skrupolozament id-digriet tal-Qorti Civili li jirregola l-access ghat-tifel minuri.

Rat il-verbal li bih Dr. Charmaine Cherrett ghall-appellanti rtirat l-aggravji kollha dwar il-mertu w llimitat ruhha ghall-aggravju dwar il-piena.

Rat il-verbal li bih Dr. Busietta ghall-parte civile w Dr. Caruana ghall-Avukat Generali rrimettew ruhhom dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti terga ttenni dak li diga' gie ritenut minnha diversament preseduta w cioe' li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed. Inkella facilment f'kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli , din il-Qorti tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni.

Illi mill-assjem tal-provi jidher li hemm attrit kbir bejn il-konjugi Hannaford, kif ta' spiss ikun hemm f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta fejn il-konjugi jkunu qed jisseparaw jew ghadhom kif isseparaw. Dan jaghti lok ghall-piki kontinwi w fin-nofs umbaghad, kif jigri ta' spiss, jizfnu t-tfal. Dan pero' fil-fehma ta' din il-Qorti bl-ebda mod ma jezonera lill-appellanti milli twettaq il-konsenja fizika tal-minuri lil missier u thallih f' idejh, kif giet ordnata li taghmel mill-Qorti kompetenti.

Sakemm jimbidel l-ordni tal-Qorti b' Digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Guridsdizzjoni Volontarja) jrid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat minhabba skuzi effimeri. (Ara : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Isabelle Cilia"** [17.2.2005] u ohrajn.)

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellanti meta ddecidiet li ma tibghatx it-tifel ghand missierhu fil-jiem u hinijiet ordnati fid-digriet tal-access. Fil-fehma ta‘ din il-Qorti r-raguni li adduciet l-appellanti la taqa' taht raguni gusta w lanqas taqa' taht raguni xierqa. B'raguni xierqa wiehed ghandu jifhem, kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza nostrana, raguni oggettivament xierqa w mhux li tkun biss

fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access. Ezempju ta’ dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar (Ara. App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Joseph Ebejer”** [19.12.1996]) ; **"Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit"** [15.5.2003] u ohrajn.

Illi kwantu ghall-aggravju sussidjarju dwar il-piena ta' detenzjoni erogata, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] **, “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F' dan il-kaz il-piena ta' gimgha detenzjoni hi certament entro l-parametri tal-piena ghax il-massimu tad-detenzjoni jista' ikun addirittura dak ta' xaharejn ghar-reat kontravvenzjonali li tieghu qed tinstab hatja l-appellanti.

Pero’, in vista tal-fatt li kif issa zviluppaw l-affarijiet mid-data tas-sentenza appellata sal-lum u in vista tal-obbligazzjoni solenni assunta mill-appellanti bil-gurament li ppromettiet li ma jergghux jigu ripetuti incidenti simili kif ukoll in vista tal-fatt li l-parte civile stess esprimiet ix-xewqa taghha li martu l-appellanti ma tintbaghatx il-habs u dana fl-interess ta’ l-istess tifel minuri, hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b’dan li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-imputazjoni dedotta kontra taghha w tirrevokaha fejn ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni w minflok tikkundannaha ghal piena ta’ ammenda ta’ hamsa w ghoxrin Euro (€25) li jekk ma jithallsux minnufih illum jigu konvertiti f’jumejn (2) detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------